MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 667/2013

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1153/13 datata 19 ta’ April, 2013, fl-ismijiet:

**240 CONTRACTING LIMITED (C – 39978)**

vs

**MARSAXLOKK FOOTBALL CLUB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq b’urġenza fl-10 ta’ Lulju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-assoċjazzjoni kalċistika rikorrenti eżekutata Marsaxlokk Football Club (aktar ’il quddiem imsejħa “MFC”) talbet biex din il-Qorti

ma tilqax it-talba magħmula mill-kumpannija intimata 240 Contracting Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “240”) biex teżegwixxi ittra uffiċjali li din tal-aħħar bagħtet lill-istess MFC biex tagħmel eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta l-import ta’ kambjala aċċettata minn MFC;

Rat ir-Risposta mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti 240 fis-26 ta’ Lulju, 2013, li biha tat il-fehmiet tagħha għaliex ma kellhiex tintlaqa’ t-talba ta’ r-rikorrenti eżekutata MFC;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat ta’ MFC waqt is-smigħ tal-5 ta’ Settembru, 2013[1], dwar is-siwi formali tal-kambjala mertu tal-każ;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u ħadet konjizzjoni wkoll tal-provi dokumentali mressqa minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat ta’ 240;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali li għaliha tirreferi din il-proċedura;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Settembru, 2013, li bih tat żmien lil MFC biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub bi tweġiba għal dawk magħmulin mill-għaref difensur ta’ 240 waqt is-smigħ ta’ dakinhar, b’notifika lil 240, li ngħatat żmien qasir biex tressaq replika;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa minn MFC fl-10 ta’ Settembru, 2013[2];

Rat ir-replika mressqa minn 240 fit-13 ta’ Settembru, 2013[3], bi tweġiba għal dik ta’ MFC;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Settembru, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 91 tal-proċess
[2] Paġġ. 93 – 101 tal-proċess
[3] Paġġ. 108 – 114 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' kambjala għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li fl-10 ta' Diċembru, 2009, MFC aċċettat il-kambjala maħruġa minn 240 għas-somma ta' sebgħa w erbgħin elf erba' mija u tletin euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€ 47,430.92) li kellha timmatura fil-15 ta' Marzu, 2010[4]. Din il-kambjala nħarġet fil-qafas ta' kitba li saret dak inhar bejn 240 (li dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bl-isem ta' Allfix Limited) u MFC, li f'isimha dehru l-President u t-Teżorier[5]. L-imsemmija kitba tirreferi għal ftehim ieħor li kien sar qabel bejn 240 Limited (kumpannija affiljata ma' 240) u MFC fl-2008 dwar xogħlijiet appaltati ta' kisi bit-*turf* fil-*pitch* li MFC ngħatalha mill-Gvern qrib is-sede tagħha. Meta saret il-kitba tal-10 ta' Diċembru, 2009, Allfix Limited 'tgħabbiet' bid-dejn li MFC kellha sa dakinhar ma' 240 Limited bil-patt li dak id-dejn jinqata' sal-15 ta' Marzu, 2010. MFC tistqarr li meta nħarġet il-kambjala l-import tagħha tassew kien dovut lil Allfix[6];

Illi f'Ġunju tal-2010[7], l-Ministeru tal-Finanzi awtorizza l-ħlas ta' € 47,687.67 favur MFC bħala rimbors għat-tqegħid ta' *turf* artifiċjali fil-*pitch* tal-istess MFC f'Marsaxlokk[8]. MFC għaddiet dan il-ħlas lil 240 Limited (il-kumpannija affiljata ma' 240) li ddepożitatu f'kont bankarju tagħha fil-bidu ta' Lulju, 2010[9];

Illi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjala ntalbet b'ittra uffiċjali tad-19 ta' April, 2013[10], maħruġa minn 240 għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12. F'dik l-ittra uffiċjali, 240 talbet lil MFC tħallasha s-somma ta' sitt elef u wieħed

[4] Dok "PPC1", f'paġ. 20 tal-proċess
[5] Dok "240B", f'paġ. 75 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Peter Paul Carabott 5.9.2013, f'paġġ. 79 u 81 tal-proċess
[7] Dok "PPC2", f'paġ. 21 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Peter Paul Carabott f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess
[9] Dok "PPC7", f'paġ. 26 tal-proċess
[10] Dok f'paġ. 6 tal-proċess

u disgħin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 6,091.29) rappreżentanti l-bilanċ mhux imħallas mill-import tal-imsemmija kambjala. Minkejja diversi tentattivi u wara talba minn 240 b'rikors tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2013, n-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali saret f'idejn George Carabott fil-25 ta' Ġunju, 2013. Fl-10 ta' Lulju, 2013, MFC ressqet att ġudizzjarju biex tirrespinġi l-pretensjoni ta' 240[11]. MFC ressqet ukoll ir-Rikors tal-lum dak inhar ukoll;

Illi MFC tgħid li l-eżekuzzjoni tal-kambjala kif mitluba minn 240 ma jmisshiex tintlaqa' għaliex it-talba ta' 240 "hija legalment u fattwalment bla ebda bażi legali u anqas fattwali. Illi ma hemm ebda somma dovuta". Minbarra dan, fir-rikors promotur MFC tqanqal ukoll il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika tal-ittra uffiċjali (bla ma tagħti dettalji) li biha 240 trid tirrendi eżekutiva l-kambjala mertu tal-każ;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha xieraq jingħad li l-liġi tipprovdi li kambjala jew *promissory note* maħruġin skond il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli esekuttivi, hekk kif tintbagħat lill-aċċettant ittra uffiċjali wara li tagħlaq id-data tal-ħlas tagħha u ma tkunx għadha tħallset. Il-liġi trid li l-ittra uffiċjali mibgħuta lid-debitur aċċettant tavżah, taħt piena ta' nullita', bil-jedd tiegħu li jopponi dik it-talba għall-ħlas fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra billi jressaq rikors li biha jopponi l-esekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħal dik[12]. Il-liġi ssemmi wkoll għal liema raġunijiet persuna intimata tista' tressaq talba ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjala jew il-*promissory note*, għal kollox jew f'biċċa minnha;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ iċ-ċirkostanzi fid-dawl ta' dak li għadu kif ingħad, jidher xieraq li tqis l-ewwel il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika tal-ittra uffiċjali. MFC tgħid li n-notifika f'idejn George Carabott (il-*barman* tal-bottegin tas-sede ta' MFC) ma tiswiex. La ma tiswiex, ma tistax tintalab l-eżekuzzjoni tal-kambjala li dwarha dik l-ittra uffiċjali ntbagħtet. Kif ingħad qabel, MFC ma fissritx l-ilment tagħha f'dan ir-rigward fir-rikors promotur, iżda fin-

[11] Dok f'paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[12] *Proviso* tal-art. 253(e) tal-Kap 12

Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha elaborat f'dettal dan l-ilment tagħha. Min-naħa tagħha, 240 twarrab għal kollox l-argumenti ta' MFC u tiċħad li n-notifika ma saritx kif imiss;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li wieħed irid jagħraf li l-kwestjoni tas-siwi tan-notifika ta' att ġudizzjarju titlob stħarriġ f'azzjoni normali u, ġeneralment, mhux f'azzjoni speċjali li tirrigwarda l-eżekutabilita' ta' kambjala jew *promissory note*. Huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' ittra uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibilita' hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu. Il-liġi tispeċifika wkoll x'inhu meħtieġ *ad validitatem* biex l-interpellazzjoni ġudizzjarja tkun tiswa, iżda lil hinn minn hekk ma titlob l-ebda formalita' oħra;

Illi fis-sewwa MFC ma tilminta bl-ebda mod mis-siwi tal-ittra uffiċjali li ntbagħtitilha biex tavżaha li l-kambjala kienet sejra tkun eżegwita. Hija tilminta mis-siwi tan-notifika ta' dak l-att u tgħid li n-notifika ma saritx lil xi waħda mill-persuni li jissemmew fl-artikolu 181A jew 187(3) tal-istess Kodiċi tal-Proċedura;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-ilment ta' MFC m'huwiex tajjeb. In-notifika saret, wara l-ħinijiet legali (kif kien intalab b'rikors ta' 240 fit-12 ta' Ġunju, 2013 u milqugħ fl-14 ta' Ġunju), fis-sede dikjarat ta' MFC u fl-indirizz ta' dik l-assoċjazzjoni. Saret billi l-att tħalla mal-persuna li tmexxi l-bottegin tal-istess sede u li dak il-ħin kien fl-imsemmi indirizz. Għalkemm George Carabott m'huwiex membru tal-kumitat ta' MFC, huwa jista' jitqies li huwa persuna "fis-servizz"[13] tal-istess, għaliex il-bottegin huwa parti mis-sede tal-eżekutata u jinfetaħ biex jagħti servizz lill-assoċjazzjoni u lil dawk li jidħlu fis-sede msemmija. MFC nnifisha tagħraf li dan il-botteginar huwa l-persuna li magħha s-soltu titħalla l-posta indirizzata lill-

[13] Artt. 187(1) u 187(4)(b) tal-Kap 12

assoċjazzjoni[14]. Minbarra dan, meta MFC ressqet it-tweġiba tagħha għall-imsemmija ittra uffiċjali fl-10 ta' Lulju, 2013 (dak inhar li ressqet ukoll ir-rikors li bih fetħet din il-proċedura) ma semmiet l-ebda lment dwar in-nuqqas ta' siwi tan-notifika bħala r-raġuni għall-kontestazzjoni tagħha. Fit-tielet lok, MFC hija assoċjazzjoni u mhux persuna fiżika, u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar kif issir in-notifika ta' atti ġudizzjarji lil persuna bħal dik m'humiex dawk imsemmija minn MFC, li jirrigwardaw in-notifika ta' atti lil persuna fiżika;

Illi, minbarra dan, ma jidhirx li, saret kif saret in-notifika, dan ġab ħsara jew preġudizzju lil MFC. Kemm hu hekk, matul iż-żmien li tagħti l-liġi, MFC ressqet tempestivament l-att ġudizzjarju meħtieġa biex tikkontesta t-talba magħmula fl-ittra uffiċjali bla xkiel ta' xejn u għażlet li tiftaħ proċedura speċjali li tattakka l-eżegwibilita' tal-kambjala u mhux li tattakka s-siwi tan-notifika;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru ma ssibx li MFC tat raġuni tajba biex issostni l-ilment tagħha dwar is-siwi tan-notifika magħmula;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-azzjoni fil-mertu. Ir-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tinżamm l-eżegwibilita' ta' kambjala jew *promissory note* huma li (a) l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u (b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas" tagħha. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-

[14] Xhieda ta' Daniel Żerafa u Joseph Baldacchino 5.9.2013, f'paġġ. 90 u 90D – 90E tal-proċess

liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun;

Illi ma hemm l-ebda argument jew kwestjoni li MFC m'hijiex issejjes l-azzjoni tagħha fuq xi nuqqas ta' siwi formali tal-kambjala. Dan joħroġ ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula lejalment mill-għaref difensur ta' MFC waqt is-smigħ. Lanqas ma hemm kwestjoni dwar jekk il-firma hijiex ta' min aċċetta r-rabta li jħallas il-kambjala meta jagħlqilha żmienha. MFC saħansitra tgħid li, dak inhar li nħarġet il-kambjala, id-dejn kien tabilħaqq dovut lil 240 (dak iż-żmien Allfix Limited). Mela dan ifisser li MFC ssejjes il-każ tagħha fuq il-kawżali ta' "raġunijiet oħra gravi u validi";

Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura li ddaħħlet fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew *promissory note* maħruġa skond il-Kodiċi tal-kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekutività tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekutività tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutività tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan;

Illi l-liġi ma tgħidx b'mod tassattiv x'inhuma tali "raġunijiet oħra gravi u validi" li jistgħu jservu biex iżommu l-eżegwibilità' ta' kambjala jew *promissory note*. Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naħa tal-leġislatur, iżda t-tħollija għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li

twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*[15];

Illi jissemmew każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 253(e). Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti[16]. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala[17], jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha[18]. Iżda l-fatt li l-eżekuzzjoni ta' kambjala minn sensiela ta' kambjali maħruġa w aċċettati tkun inżammet b'ordni ta' xi qorti, ma jżommx tabilfors l-eżekuzzjoni ta' kambjala oħra minn sensiela bħal dik, u dan għaliex irid jitħares il-karattru awtonomu ta' kambjala bħala strument ta' kreditu[19];

Illi ladarba, f'dan il-każ, il-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi[20]. Huwa fatt ukoll, madankollu, li meta MFC għaddiet lil Allfix Limited il-*voucher* tal-ħlas li waslilha mill-Ministeru tal-Finanzi (liema *voucher*, kif tajjeb jirrileva x-xhud li dak iż-żmien kien segretarju ta' MFC, kienet għal somma li tisboq l-import tal-kambjala[21]) u għamlet dan biex taqta' l-import tal-kambjala, hija ma talbitx li tingħata lura l-kambjala li baqgħet tinżamm minn 240;

Illi MFC tqanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala minħabba li ma ġġibx il-firma ta' minn tal-anqas tliet

[15] P.A. LFS **16.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd***
[16] App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Ltd. et***
[17] P.A. MCH **25.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Panaco Marketing Ltd vs Walter Bonniċi pro et noe***
[18] Art. 123 tal-Kap 13 u ara P.A. MCH **18.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian's Tyre Services Ltd et vs Paul Fenech***
[19] App. Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Pater Finance Co. Ltd vs Dr Kevin Schembri et***
[20] P.A. TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Ġiordmanina et vs Joseph Paċe et***
[21] Ara affidavit ta' Peter Paul Carabott (§§ 9 u 13), f'paġġ. 47 – 8 tal-proċess

uffiċjali tagħha, kif jitlob l-istatut tagħha dwar obbligazzjonijiet li jaqbżu ċertu somma[22]. Tgħid li, minħabba li ma tħarisx l-istatut, il-kambjala ma tiswiex. Iżda din il-kwestjoni tqanqlet biss fit-trattazzjoni permezz tan-Nota ta' Sottomissjonijiet u tmur għal kollox kontra d-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ li tgħid li MFC ma kellha l-ebda lment dwar is-siwi formali tal-kambjala. Il-Qorti m'hijiex sejra tqisha;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, lil hinn minn kwestjoni tas-siwi tal-kreditu pretiż minn 240 – li hija konsiderazzjoni li din il-Qorti ma tistax tidħol fiha fi proċediment bħal dan[23] għaliex hija kwestjoni li ddewwem il-ħlas tal-istess kambjala[24] – il-fatt li MFC ma talbitx il-kunsinna tal-kambjala meta għaddiet il-*voucher* lil 240 jimmilita wisq kontra MFC f'dan il-każ. Jekk kemm-il darba MFC riedet li l-ħlas ikun għas-saldu tal-kambjala, ma kenitx obbligata tħallas jekk mhux billi tingħata l-kambjala bl-irċevuta kif imiss[25]. Dan in-nuqqas min-naħa ta' MFC nissel konsegwenzi legali. Kemm hu hekk, din il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-fehma tal-Qorti tal-Appell meta qalet: "*Minn dan kollu temerġi l-eżiġenza vitali għall-aċċettant tal-kambjala li una volta jħallas l-import tagħhom, tkun xi tkun ir-raġuni, hu jesiġi l-konsenja materjali lura tal-kambjalijiet. Kien assolutament fl-interess tiegħu li huwa jagħmel hekk għax fin-nuqqas il-pussess tal-kambjali waħdu, multo magis jekk dawn ikunu f'idejn persuna li lilha jkunu ġew ġirati*[26]*, **jibqa' jassoġġettah għall-azzjoni kambjarja għall-ħlas tal-import tagħhom***"[27]. Meta persuna tħallas kambjala u ma titlobx ir-radd lura tagħha jew imqar riċevuta tal-ħlas akkont li jkun sar dwarha, tkun qiegħda taġixxi b'riskju għaliha[28];

Illi b'riferenza għal dak li għadu kif ingħad, huwa aċċettat mix-xhieda mressqa minn MFC nnifisha li baqgħet ma ngħatat qatt riċevuta minn 240 għall-ħlas għas-saldu tal-

[22] Ara §§ 17 – 9 u 28 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha, f'paġġ. 98 u 100 tal-proċess
[23] Ara P.A. GC **12.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Spiteri vs PF Steel Ltd.***
[24] Art. 198(2) tal-Kap 13
[25] Art. 194 tal-Kap 13
[26] Dan l-element m'huwiex il-każ fil-kawża tallum għax il-kambjala baqgħet f'idejn 240 u allura aktar u aktar messu ntalab ir-radd lura tagħha jekk tabilħaqq kien qed isir il-ħlas għas-saldu tagħha.
[27] App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo noe et vs Muscat et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.346**, a fol. 356)
[28] App. Inf. PS **16.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoine Vassallo pro et noe vs Mary Spiteri Tatchev et noe***

kambjala u li l-"irċevuta" li saret bid-data tal-25 ta' Frar, 2010[29], ma setgħet qatt isservi tassew bħala tali, ladarba saret bil-għan li biha MFC tkun tista' tibbenefika mill-għotja tad-Dipartiment tal-Finanzi[30] u wisq aktar minħabba li saret xhur qabel ma attwalment sar xi ħlas min-naħa ta' MFC;

Illi dan il-ħsieb ifisser li kambjala li tibqa' fil-pussess tat-traent jew tal-persuna tal-benefiċjarju ("*payee*") li lilha huwa dovut il-ħlas meta timmatura tibqa' eżegwibbli. Huwa sewwasew dan l-għan li għalih 240 bagħtet lil MFC l-ittra uffiċjali attakkata. Ta' min jgħid li 240 lanqas ma qiegħda titlob l-eżekuzzjoni għall-import kollu tal-kambjala, iżda għal bilanċ. Huwa tali bilanċ li MFC qiegħed jikkontesta bħala saldat;

Illi lil hinn minn dan kollu, MFC ma ressqet l-ebda raġuni oħra għaliex din il-Qorti jmissha tilqa' t-talba tagħha biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala mitluba minn 240;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-assoċjazzjoni eżekutata Marsaxlokk Football Club biex tinżamm l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-każ, għaliex ma ġabet l-ebda raġuni tajba fid-dritt biex isir dan;

**Tordna** wkoll li l-istess rikorrenti eżekutata tħallas l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[29] Dok "PPC3", f'paġ. 22 tal-proċess
[30] Ara affidavit ta' Peter Paul Carabott (§ 6), f'paġ. 46 tal-proċess